**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 24 ta' April 2002

Citazzjoni numru 1238/98 AJM

Kawza numru

Carmelo u Maria Dolores Giordimaina

Vs

Alan Briffa

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-9 ta' Gunju 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut hu debitur taghhom fis-somma ta' erbat elef, mija u erbgha u sebghin lira maltin (LM4,174.00); illi dan l-ammont jirrparesenta hlas ta' erbat elef lira maltin (LM4,000) dovuti bhala kunsiderazzjoni ghat-trasferiment tal-fond Superhighway, Triq il-laring, Attard, trasferit mill-atturi lill-konvenut skond skrittura privata redatta ghand in-Nutar Pierre Falzon datata 9 ta' April 1998 pju somma ta' mija erbgha u sebghin lira maltin (LM174.00) rappresentanti hlas ta' kera maghmul mill-atturi lis-sid il-fond imsemmi, liema zewg ammonti baqghu ma thallsux mill-konvenut; illi dan l-ammont hu cert, likwidu u

dovut u fil-fehma ta' l-atturi ma hemm l-ebda eccezzjoni x'tigi sollevata kontra l-pagament ta' l-istess u dana kif jirrizulta mill-anness affidavit; illi ghalhekk ghal dawn il-proceduri huma applikabbli l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 u b'hekk talbu li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' LM4,174.00 dovut kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawz skond l-artikolu 167 tal-Kap 12.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2009/98 u l-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-21 ta' Lulju 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-istock u l-appart fl-imsemmi hanut kif ikkonsenjati mill-atturi kienu differenti minn dak miftiehem bejn il-kontendenti.
2. Illi meta l-konvenut ghadd l-istock sab ferm anqas minn dak miftiehem u filwaqt li l-atturi kienu accertawh li l-apparat ta' gol hanut kien fi stat tajjeb u jiffunzjona il-konvenut sab li l-apparat kollu kellu jinxtara mill-gdid.
3. Illi s-somma mitluba mhux dovuta kollha stante li l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom cheque fis-somma ta' LM1,000 liema cheque huma qed jirrifjutaw li jsarfu.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 1998 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Bi skrittura privata tad-9 ta' April 1998 l-atturi cedew u assenjaw lill-konvenut "*id-dritt ta' lokazzjoni li ghandhom fuq is-snack bar bl-isem Superhighway li qieghed fi Triq il-Laring kantuniera ma' St Catherine Street, Attard mibni dan il-hanut fuq plot 26 mill-art imsejha tal-Bajdun u l-lokazzjoni tinkludi l-parapett biswit il-faccata tal-istess hanut.*" Fl-istess skrittura il-partijiet komplew hekk: "*Din ic-cessjoni qed issir u tigi accettata bil-prezz komplessiv ta' sitt elef u hames mitt lira (LM6,500) liema prezz jinkludi l-ghamara, makkinkarju u l-affarijiet kollha ezistenti fl-istess hanut u kif ukoll l-istock kollu ezistenti fil-hanut u kif ukoll l-avvjament.*" Ma l-iffirmar tal-iskrittura l-konvenut kkonsenja cheque ta' LM1000 lill-atturi, tlett elef lira kellhom jithallsu sa l-ahhar ta' April 1998 u l-bilanc sa l-ahhar ta' dik is-sena minghajr imghax salv f'kaz ta' morozita'.

Jirrizulta li c-cheque ta' LM1,000 konsenjat lill-atturi ma ssarrafx billi meta gie presentat ghal hlas gie "referred to drawer". Dan ic-cheque, ghalkemm illum jinsab fil-pussess tal-atturi, ma ghandu ebda validita' billi skada l-perjodu li fih seta' jissarraf. Ghal bilanc jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas l-ammont dovut fl-ahhar ta' April 1998. Kien ghalhekk li l-atturi stitwew dawn il-proceduri ghal hlas tas-somma ta' LM4,000 dovut kif inghad, oltre is-somma ta' LM174 rappresentanti kera minnhom imhallas akkont tal-konvenut.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-validita' ta' din ic-cessjoni, in fatti l-konvenut ha pussess tal-fond in kwistjoni mill-ghada tal-iffirmar tal-iskrittura u ghadu jiggestixxi l-fond sal lum. Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' LM174 reklamat mill-atturi. Il-konvenut qed isostni pero' li ma ghandux jhallas l-ammont kollu ta' LM4,000 billi l-istock u l-apparat fl-imsemmi hanut kienu differenti minn dak miftiehem bejn il-kontendenti. In effetti, jghid il-konvenut, meta huwa ghadd l-istock sab ferm anqas minn dak miftiehem u filwaqt li l-atturi kienu accertawh li l-apparat ta' gol hanut kien fi stat tajjeb u jiffunzjona il-konvenut sab li l-apparat kollu kellu jinxtara mill-gdid.

Dwar l-ilment tan-nuqqasijiet fl-istock din il-Qorti tosserva li l-ftehim fuq imsemmi ma jaghmel ebda referenza ghal valur tal-istock u lanqas ma jirrizulta li sar inventarju qabel ma giet redatta l-imsemmija skrittura. Ghal kuntrarju jirrizulta li l-prezz ma kien kien bl-ebda mod relatat ma xi kwantita ta' stock. Infatti missier il-konvenut jghid li ibnu kellu interess li jiehu l-hanut billi kien bla xoghol u kien ghalhekk li huwa offra lill-atturi s-somma ta' LM6,000 minghajr ebda kundizzjonijiet. L-istess missier il-konvenut jghid li huwa kien sorpriz li ibnu, wara daru, kien offra lill-atturi s-somma ta' LM6,500, ukoll minghajr kundizzjonijiet, u

effettivament dan il-prezz gie accettat mill-atturi. Ghalhekk din l-Qorti bl-ebda mod ma tista' ssib li l-atturi naqsu minn xi obbligazzjoni kontenuta fil-kuntratt rigwardanti stock. Kien jispetta lill-konvenut, jekk verament kien interessat fil-kwantita ta' stock li kien ser jiehu, li jassikura qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura li jsir "stock take" sabiex jigi stabbilit l-ammontar ta' stock li kien qed jigi trasferit. Fl-assenza ta' tali dokument din il-Qorti ma tistax takkolji dan l-ilment u ghalhekk dan mhux gustifikat.

Fir-rigward tal-ghamara u l-apparat fil-hanut jigi rilevat li l-artikolu 1393 tal-Kap 16 jistabilixxi li meta jsir bejgh "*il-haga ghandha tigi kkunsinnata fl-istat li kienet tinsab fi zmien tal-bejgh."* Issa jirrizulta li l-konvenut kien mithla tal-post mertu tac-cessjoni u ghalhekk kien messu jaf jew ghal anqas kellu jassikura ruhu qabel l-iskrittura, bil-kundizzjoni tal-ghamara u l-apparat li kien ser jixtri. Ma jirrizultax li dak li gie trasferit lill-konvenut kien differenti minn dak li kien gie miftiehem fuqu mill-partijiet dak inhar tal-bejgh. Dan l-ilment ghalhekk ukoll ma jistax' jigi akkolt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi mhux fondati, tilqa' t-talbiet attrici u konsewgentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef mija erbgha u sebghin lira maltin (LM4,174.00) bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Onor Imhallef Albert J. Magri